MALTA

# BORD LI JIKKONTROLLA L-KIRI TAR-RABA GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. COPPINI PAUL LL.D.

Seduta ta' 23 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1/1999/1

Rikors Numru 1/1999

Carmela Camilleri u b'digriet tas-17 ta' April 2001 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anna sive Mary Anne Aquilina, stante l-mewt ta' l-attrici Carmela Camilleri fil-mori tal-kawza

vs

John Mizzi u ghal kull interess li jista' jkollhom Emanuel, Grazio, Giovanna mart Francis Cini u Theresa mart Jack Bugeja ilkoll ahwa  Vella

Ic-Chairman,

Ra r-Rikors li permezz tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettiet illi:

Hija tikri lill-intimat Ganni Mizzi porzjon art maghrufa “Ta’ Ghar Ilma” fil-limiti ta’ Kercem, Ghawdex bil-kejl ta’ cirka disa’ sighan, pari ghal elf sitt mija u tlieta u tmenin kwadri (1683 m.k.) lill-intimat Ganni Mizzi versu l-qbiela ta’ tliet liri Maltin (Lm3) pagabbli fil-15 ta’ Awissu ta’ kull sena;

Illi l-esponenti saret taf, wara li giet prezentata cedola ta’ depositu ta’ qbiela fir-Registru tal-Qorti kontra taghha, illi dan Ganni Mizzi assenja, trasferixxia jew b’x mod iehor ceda l-kirja vigenti favur tieghu lill-intimati l-ohra jew lil missierhom, jew issullokalhom din l-istess ghalqa;

Talbet li dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi lura il-pussess tar-raba hawn fuq imsemmi wara l-iskadenza tal-15 ta’ Awissu 2000, taht dawk il-provvedimenti illi dan il-Bord jidhirlu xierqa.

Ra r-Risposta ta’ l-intimati fis-sens illi:

L-intimat John Mizzi ma ghandu ebda interess fl-inkwilinat ta’ l-art imsemmija fir-rikors in kwantu din tinsab validament lokata ghand l-intimati l-ohra u dwar l-istess lokazzjoni ma jivvanta ebda jeddijiet.

Illi din l-art ilha ghal diversi snin mikrija ghand Toni Vella missier l-intimati ahwa Vella, li miet fit-tlettax ta’ Gunju ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u disghin u ghalhekk l-esponenti in kwantu huma wliedu issucceddew fid-dritt ta’ inkwilinat. Huwa tassew stramb kif ir-rikorrenti pprocediet b’din it-talba meta ilha ghal diversi snin tirceivi l-qbiela minghand l-istess Toni Vella minghajr ma qanqlet ebda lment.

Illi ghalhekk ma hemm ebda assenjazzjoni jew sullokazzjoni ta’ l-inkwilinat li tiggustifika t-talba tar-rikorrenti ghar-ripresa tal-pussess ta’ l-art imsemmija.

Ra n-Noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ra l-atti l-ohra kollha tar-Rikors, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha.

Ikkunsidra:

Illi t-talba ghar-ripresa ta' l-art indikata fir-Rikors hija bbazata fuq allegazzjoni ta' assenjazzjoni, cessjoni jew sullokazzjoni mhux awtorizzata mill-intimat Mizzi lill-intimati l-ohra jew missierhom, a tenur ta' l-artikolu 4(2)© tal-Kap. 199.

Fir-Rikors promotur r-rikorrenti tghid illi saret taf b'dan it-trasferiment meta rceviet cedola ta' depositu tal-qbiela minghand l-intimati Vella. Fid-deposizzjoni taghha quddiem il-Magistrat Supplenti Carmela Camilleri, anzjana ta' tmienja u tmenin (88) sena, qalet li hija sa xi snin qabel, meta kienet ghadha tiflah, kienet tahdimha hi r-raba in kwistjoni. Imbaghad kienet kriet lill-intimat Mizzi li riedha ghal mansab. Pero' taf li dan qatt ma uzaha ghal dan l-iskop ghax qatt ma ratu hemm. Il-qbiela kienet tmur thallasha wahda li toqghod fejn Mizzi. Kienet tigi bl-ircevuta miktuba lesta u hi kienet tiffirmaha. Ghalkemm meta xehdet ma kienitx tara sew, sa tliet snin qabel kienet tara tikteb u taqra xi ftit (ara deposizzjoni rikorrenti a fol. 16-18 tal-process).

L-intimat Emanuel Vella xehed illi r-raba *de quo* kien hadha bi qbiela missieru minghand ir-rikorrenti xi tletin jew hamsa u ghoxrin sena qabel. Skond ma kien jghid missieru, kien avvicina lil Ganni Mizzi li kien jaf lir-rikorrenti u din acccetat li tqabbillhielu. Sakemm kien ghadu haj missieru, li miet ftit xhur biss qabel ma gie pprezentat dan ir-Rikors, il-hlas kien isir permezz ta' Ganni Mizzi. Imma meta miet missieru, ir-rikorrenti m'accettatx hlas izjed. Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu,Vella esebixxa erba' ircevuti dwar il-qbiela ta' din ir-raba ghas-snin 1994, 1995, 1996 u 1997 (a fol.53). Dawn kollha jidhru li gew iffirmati minn Carmela Camilleri,ghalkemm il-kitba ta' l-ircevuta hija evidenti li saret minn haddiehor.

Doris Tabone qalet li Ganni Mizzi kien jibghata bil-flus tal-qbiela ghand ir-rikorrenti. L-ircevuta kienet tiktibha hi, u Camilleri tiffirmaha.

L-isetss Ganni Mizzi baqa' qatt ma ntalab jaghti d-deposizzjoni tieghu.

Fin-Nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti tallega illi Carmela Camilleri kienet giet ingannata li kriet lil Mizzi, u minkejja l-ircevuti li kienet tiffirma, hi baqghet dejjem minghaliha li l-inkwilin kien Mizzi. Imma kif tajjeb jghidu l-intimati fin-Nota responsiva taghhom, m'huwiex kompitu ta' dan il-Bord li jinvestiga allegazzjonijiet dwar zbalji fl-identita' ta' persuna, jew xi ngann li allegatament seta' sar fil-konfront tas-sid. Rikors quddiem dan il-Bord jippresupponi l-ezistenza ta' kirja valida u ri-lokazzjoni a bazi tal-ligi dwar it-tigdid ta' kiri ta' raba (Gaetana Bonnici v. Michele Bartolo; Appell: 7.2.1936). Il-konsegwenza naturali ta' zball jew ingann, kif qed tippretendi r-rikorrenti, huwa n-nuqqas ta' titolu fl-inkwilin. Imma kif intqal fil-kawza fl-ismijiet "Fr.Leone Zammit vs Antonio Farrugia et." (Vol.XXXVII.I.568): "It-tribunal kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet li jirrigwardaw jekk l-inkwilin ghandux jew le titolu biex jiddetjeni l-fond huwa l-Qorti ordinarja".

Fil-kaz in ezami ghandha biss allegazzjoni li Ganni Mizzi, bhala l-inkwilin, minghajr ma kellu l-kunsens tar-rikorrenti, qabad u ttrasferixxa l-qbiela fuq l-intimati l-ohra jew missierhom. Ma tressqet ebda prova konklussiva illi dan Ganni Mizzi tassew qatt kien l-inkwilin. Anzi gew esebiti erba' ircevuti li jindikaw inekwivokament illi l-inkwilin kien Toni Vella, missier l-intimati l-ohra u li Ganni Mizzi ma kellu x'jaqsam xejn hlief illi jiehu hsieb jghaddi l-qbiela lis-sid tramite persuna ohra. Ma rrizulta ghalhekk li sar ebda trasferiment minghajr il-kunsens tas-sid.

Jiddecidi ghalhekk billi, filwaqt illi jillibera lill-intimat Ganni Mizzi mill-osservanza tal-gudizzju, jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

(ft.) Paul Coppini
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur